# Is-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu jintlaqat mill-bombi fit-Tieni Gwerra Dinjija u l-ħsieb ta' bini ta' Santwarju ġdid

**Christian Pace**

*B.Com (Hons) M.A. (Econ)*

Kif ilkoll nafu, qabel ma beda jinbena s-Santwarju preżenti fl-1958, kien hemm knisja oħra ferm iżgħar minn dik li naraw illum, li kienet mekka ta' devozzjoni Karmelitana fil-Gżejjer Maltin. Għalkemm din il-knisja rat bosta tibdil matul iż-żminijiet nistgħu ngħidu li kienet knisja mill-isbaħ mibnija fuq stil barokk fuq il-pjanti tal-arkitett famuż Ġlormu Cassar[1].

Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu kellha għaxar artali: l-artal maġġur, żewġ artali laterali, tliet artali fuq il-lemin u erba' artali fuq ix-xellug. Matul is-snin kien hemm bosta tibdil fid-dedikazzjoni ta' dawn l-artali kif jidher fil-pjanti t'hawn taħt[2].



Il-pjanta tal-faċċata tal-Knisja l-antika xogħol l-arkitett Ġlormu Cassar



Ritratt meħud lejn l-aħħar tas-seklu 19 li juri l-Knisja l-antika tal-Madonna tal-Karmnu. Fih jidher l-artal maġġur li kien hemm qabel ma saret it-Tribuna. Dan l-artal maġġur illum qiegħed fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Bambina fil-Mellieħa

Minkejja ċ-ċokon li kellu dan is-Santwarju nistgħu ngħidu li kien simbolu tad-Devozzjoni Karmelitana. Nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 1942 kienet ġurnata sewda għall-Karmelitani kollha. Fis-2.30pm waqt *air raid*, bomba laqtet il-Kor tas-Santwarju. Minkejja li din il-bomba ma ġarrfitx is-Santwarju kollu għamlet ħafna ħsara b'mod speċjali fin-naħa tal-Kor fejn iġġarrfet parti sew mis-saqaf.




Immaġini ta' kif kienu ddedikati l-artali fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fis-Seklu 17




Immaġini ta' kif kienu ddedikati l-artali fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fis-Seklu 18




Immaġini ta' kif kienu ddedikati l-artali fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fis-Seklu 19




Immaġini ta' kif kienu ddedikati l-artali fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fl-1952



Il-ħsara li ġarrab is-Santwarju wara li l-bomba laqtet il-Kor tas-Santwarju

Hekk kif seħħet din it-traġedja minkejja d-dispjaċir tad-devoti, kulħadd imtela bil-kuraġġ u kulħadd beda jnaddaf kemm jista' biex is-Santwarju jkompli jaqdi l-ħtiġijiet u s-servizzi normali. Fil-fatt l-għada filgħodu, festa ta' Marija Annunzjata fis-6.00am xorta waħda saret l-ewwel quddiesa.

Ittra li dehret fit-Times of Malta tal-Hamis, 26 ta' Marzu 1942, tagħti ftit aktar tagħrif fuq din il-ġurnata sewda u ż-żmien ta' biża' u tensjoni li kienu qed jgħixu l-Maltin. Din l-ittra tiftaħ billi turi d-dispjaċir tagħha għal dan l-attakk fuq is-Santwarju Karmelitan li għalkemm ma ġarrafx għalkollox din il-knisja, għamel ħsarat konsiderevoli.

*"'By divine Providence the 'Basilica' was by no means knocked out, but it is heartrending for several thousand of faithful who throughout the year and especially on the seven Wednesdays popularly known as 'ta' l-Udienza", congregate in fever prayer, to discover that the site of the famous Sanctuary is scarred, blasted and disrupted."*

L-ittra tkompli billi tikkummenta illi grazzi għat-tħabrik tal-Pirjol Patri Gerald Pace l-affarijiet l-aktar prezzjużi ma kinux fis-Santwarju iżda f'post aktar sigur. Għalhekk, *"the venerated Sanctuary, pride of the Carmelites and the "Tribuna" are safe.'*

F'din l-ittra ġiet imfaħħra b'mod partikolari l-ħidma tal-Komunità Karmelitana li b'kuraġġ u determinazzjoni baqgħu fil-Belt Valletta qalb il-Beltin, jikkonfortaw il-fidili, iqaddsu l-Quddies u jagħtu s-Sagramenti lill-fidili li kienu jmorru fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu. Din l-ittra tagħlaq billi tgħid illi għalkemm il-Knisja ġarrbet ħsara b'mod speċjali fil-kor, m'hemmx ħsara li ma tistax tissewwa bl-għajnuna tal-awtoritajiet.



Is-Santwarju armat għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-sena 1942 jew fis-snin ta' wara. Jidher il-ħajt provisorju li tela' fil-kor minħabba t-tiġrif li sofra fil-gwerra

Fil-fatt wara dan l-attakk fil-ġranet ta' wara beda jinbena ħajt biex b'hekk ma tidħolx xita fis-Santwarju. Is-Santwarju baqa' jaqdi l-ħtiġijiet normali tiegħu tant illi l-għada tal-attakk, l-Erbgħa 25 ta' Marzu ġiet iċċelebrata xorta l-Festa ta' Marija Annunzjata.

L-istess ġara għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu, inqas minn 4 xhur wara, fejn minkejja b'forma ridotta ħafna bħall-festi kollha li kienu jsiru fi żmien il-gwerra, nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju fis-7.00 ta' filgħodu tkanta l-Martiroloġju, tqaddset quddiesa solenni mill-Komunità Karmelitana u tkantaw ir-Regina Coeli u Te Deum bħala ringrazzjament u tifkira tal-Inkurunazzjoni, kif għadu jsir sal-lum. Fil-5.30pm saret t-Translazzjoni bir-Relikwa, u tkantaw il-Vespri Solenni, Salve Regina, Litanija, Flos Carmeli, Tantum Ergo u Barka Sagramentali.

L-għada, nhar is-16 ta' Lulju, il-quddies beda mill-5.00 ta' filgħodu ma jaqta' xejn sa nofsinhar. Il-quddies tas-6.30 ta' filgħodu kienet saret minn Mons. Manuel Galea, Isqof Awżiljarju ta' Malta. Fl-4.00 ta' waranofsinhar tkantaw il-Vespri Solenni, Benedizzjoni Papali u Purċissjoni. Wara li daħħlet il-Purċissjoni tkantat l-Antifona u Barka Sagramentali.

Minkejja li s-Santwarju baqa' jaqdi l-ħtiġijiet normali tiegħu, beda jinbet ħsieb li din il-knisja titwaqqa' għalkollox biex tinbena oħra ġdida. Mhux kulħadd kien għalkollox favur din l-idea fosthom il-Professur Anastasju Cuschieri li kien dejjem jirrimarka u jsaqsi *"demolire un Santuario?"*[3]

Minkejja diversi ideat konfliġġenti, bdiet il-korrispondenza ma' diversi awtoritajiet għall-permessi meħtieġa. F'ittra datata 8 ta' Mejju 1945 mill-perit li ġie mqabbad mill-Komunità Karmelitana lill-Antiquities Committee intalab il-permess li jitwaqqa' s-Santwarju l-antik u l-bini tal-Knisja l-ġdida. Skont din l-ittra r-raġunijiet li kienu nġiebu kienu erbgħa:

- Minħabba l-ħsara li kienet saret minħabba l-gwerra l-pedamenti kienu ġarrbu ħsara kbira;

- Is-Santwarju kien żgħir wisq għall-ħtiġijiet tad-devoti Karmelitani.

- Peress li d-djar fejn qed tiġi propost li titkabbar il-knisja l-ġdida ġew imwaqqgħin kollha kien aktar faċli li jittieħed dan l-ispazju għall-Knisja l-ġdida;

- Matul is-snin kien sar ħafna tibdil lis-Santwarju l-antik, u għalhekk ma kien għad fadal kważi xejn mis-Santwarju oriġinali.

F'ittra oħra din id-darba mibgħuta mill-Provinċjal tal-Karmelitani, nhar it-28 ta' Mejju





Il-Purċissjoni nhar is-16 ta' Lulju 1942. Kif jidher fir-ritratt il-purċissjoni ma kinitx issir bil-vara preżenti fi żmien il-Gwerra imma bil-vara li llum tinsab fl-Oratorju tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu.



Il-Pittura tal-koppla xogħol ta' Ramiro Calì li sar fl-1918.



1945, reġgħet saret it-talba lil Antiquities Committee biex jeżaminaw jekk humiex għall-kuntrarju tal-proġett '*'li fih ser titwaqqa' l-Knisja*




*tal-Karmnu fil-Belt Valletta, bl-intenzjoni li fl-istess post, tinbena Knisja oħra ġdida, aktar kbira u artistika"*, skont kif imniżżel fl-ittra tat-8 ta' Mejju.

Hu maħsub li fil-ġranet ta' wara ntalbet aktar informazzjoni fuq il-Knisja l-antika għax nhar it-12 ta' Ġunju intbagħtet ittra oħra mill-Provinċjal lill-Kurja Vescovile ta' Malta. F'din l-ittra jgħid li l-Knisja kienet inbniet fl-1575 kif jirriżulta mill-Vista Pastorali ta' Mons. Duzzina. Qabilha kien hemm knisja oħra żgħira li kienet inbniet ħames snin qabel.

F'din l-ittra huwa enfasizzat il-fatt li għalkemm il-Knisja kienet mibnija skont il-pjanta tal-perit Ġlormu Cassar ġiet modifikata ħafna drabi matul is-sekli, b'bosta żidiet u alterazzjonijiet tant illi mill-Knisja li bena Ġlormu Cassar ma kien fadal kważi xejn. Hawn tissemma wkoll il-pittura tal-koppla u tikkonferma li kienet tal-Pittur Ramiro Calì u saret fl-1918.

Rigward iż-żewġ lapidi li kien hemm fuq l-oqbra ta' Caterina Vitale u Caterina Scappi l-ittra tikkonferma illi dawn ser jinqalgħu u jerġgħu jitwaħħlu fil-knisja l-ġdida kif fil-fatt sar.





Il-Pjanti tas-Santwarju l-ġdid



Waqt il-bini tas-Santwarju l-ġdid

Is-Santwarju l-ġdid beda jinbena fl-1958 fuq pjanta ta' Ġużè D'Amato, u tlesta fl-1981 fl-okkażjoni tal-festi li saru f'għeluq il-100 sena Inkurunazzjoni tal-Kwadru Inkurunat. Wara l-mewt ta' Ġużè D'Amato fl-1963, il-faċċata u l-koppla ġew mibnija taħt is-sorveljanzi tal-arkitetti, Louis Naudi u Patri Franco Falzon O. Carm. Fis-sena 1985, is-Santwarju l-ġdid beda jiżżejjen bi skultura mill-isbaħ fil-ġebla Maltija mill-Kavallier Joseph D'Amato.

**Referenzi**

[1] Ġlormu Cassar kien l-arkitett prinċipali tal-Ordni ta' San Ġwann. Kien responsabbli mill-bini ta' bosta binjiet importanti fil-Belt Valletta fosthom is-seba' bereġ, il-Palazz tal-Gran Mastru, is-*Sacra Infermeria*, il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann kif ukoll il-Knejjes ta' San Pawl Nawfragu, San Duminku, tal-Madonna tal-Karmnu u ta' Santu Wistin. Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu mibnija skont il-pjanta ta' Ġilormu Cassar kienet l-ewwel waħda fil-Belt bin-navi kif ukoll bil-koppla.

[2] Vella, Amanda Ann, The Old Carmelite Church, Valletta: History, Architecture and Works of Art (1570-1958) May 2010.

[3] Charles Coleiro, Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu - Valletta, Festa 2014, L-Imgħoddi ta' Tfuliti madwar "Il-Karmnu" - Ġabra ta' tifkiriet pp 17-19.

# Is-Santwarju l-Antik

















